**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**Abdisalam Ahmed Sliman**

**Illum 10 ta' April 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Abdisalam Ahmed Sliman, iben Ahmed u Sida Fadlawe, imwieled Tripoli, Libya, fis-27 ta' Settembru 1983 u minghajr indirizz fiss, detentur ta' dokument mahrug mill-Kummissjoni tar-Refugjati bin-Numru 20487, talli fil-lejl ta' bejn it-8 ta' April 2017 u d-9 ta' April 2017, gewwa San Pawl il-Bahar, kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament *evidence bag* bin-numru M13900822 kontenenti ammont ta' 25.364 gramma ta' Cannabis Resin kif ukoll xi affarijiet relatati mat-tehid ta' droga Dok. "A"; sikkina li kienet tintunza ghat-tehid tad-droga Dok. "B"; vera fotokopja ta' Asylum Seeker Certificate ta' l-imputat Dok. "C"; fedina penali ta' l-imputat Dok. "D"; stqarrija rilaxxata mill-imputat Dok. "E"; rapport tal-Pulizija dwar il-kaz Dok. "F"; u Ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta Dok. "G";

Rat li l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta'

l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-8 ta' April 2017 u d-9 ta' April 2017, gewwa San Pawl il-Bahar, kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza hekk dedotta fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tieghu kif ukoll il-fatt li kkoopera mal-Pulizija u li l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu ma huwiex kbir hafna.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 8(a) u l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija **u** ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal hames mitt Euro (€500), izda billi Hija tal-fehma li f'dan il-kaz hemm ragunijiet li jaghtu lok ghas-sospensjoni tal-piena karcerarja hawn imposta, senjatament il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, ghandu fedina penali netta, ikkoopera mal-Pulizija u l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu ma huwiex kbir hafna, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' disa' (9) xhur prigunerija hawn impost ghal sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

In kwantu rigwarda l-multa ta' hames mitt Euro (€500) hawn imposta fuq l-imputat, l-istess imputat ghandu jhallas tali multa fi zmien ghaxar (10) xhur mill-llum permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin Euro (€50) il-wiehed.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti in oltre spjegat lill-imputat bi kliem car il-konsegwenzi fl-eventwalità li huwa jonqos milli jhallas fl-intier taghha l-multa ta' €500 hawn imposta fuqu.

Il-Qorti in fine tordna l-konfiska u konsegwenti distruzzjoni tad-Dokument "A", ossia *evidence bag* bin-numru M13900822 kontenenti ammont ta' 25.364 gramma ta' Cannabis Resin kif ukoll xi affarijiet relatati mat-tehid ta' droga, u l-konfiska tad-Dokument "B", ossia sikkina li kienet tintunza ghat-tehid tad-droga, esebiti mill-Prosekuzzjoni.

**MAGISRTAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**